**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 26 ta' Jannar, 2017

Rikors Nru : 387/16 AL

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja u ghoxrin t' April tas-sena elf disa` mija u disa` u sebghin (28/04/1979) gewwa l-knisja taz-Zurrieq;
2. Illi l-esponenti ssepara legalment minn ma' martu permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Smith La Rosa datat tletin ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgha (30/05/2007) liema kuntratt hu hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A' ; liema kuntratt gie emendat permezz ta' kuntratt sussegwenti fl-atti tal-

istess Nutar Dottor Joseph Smith La Rosa datat disgha ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (09/06/2016) hawn anness u mmarkat bhala Dokument B;

3. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel wiehed PB li twieled fit-tmintax ta' Jannar tas-sena elf disgha mija u tnejn u tmenin (18/01/1982) li llum huwa maggorenni;
4. Illi ma hemmx l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet tant illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat tletin ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgha (30/05/2007) surreferit u ghalhekk ilhom separati u ma jghixux flimkien ghal iktar minn erba` (4) snin matul l-ahhar hames snin precedenti dan l-umli rikors u b'hekk jissodisfaw il-kriterja tal-Artikolu 66B;
5. Illi dwar il-manteniment l-esponenti kif ukoll l-intimata kienu ddekadew ghad-dritt taghhom ghal manteniment minghand xulxin u dan a tenur tal-Artikolu 2 tal-kuntratt li emenda l-kuntratt ta' separazzjoni, datat disgha ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (09/06/2016);
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab, in vista tas-suespost, li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha tirrileva :

1. In linea preliminari, biex l-integrita tal-gudizzju jigi salvagwardat ghandu jigi assigurat li d-dokumenti esebiti mar-rikors promotorju ta' din il-procedura ghandhom jigu esebiti b'mod integrali stante li d-dokumenti annessi mal-kopja tal-Att promotorju li giet notifikata lill-intimata ma gewx esebiti integralment;

2. Fil-mertu, jekk din il-Qorti tqis li jikkonkorru r-rekwiziti legali li jiggustifikaw l-ghoti tad-divorzju, hija tirrimetti ruhha ghad-decizjoni tal-istess Qorti;
3. L-intimata m'ghandhiex tbati ebda kwota mill-ispejjez gudizzjarji billi din il-procedura giet istitwita fuq l-inizzjattiva u evidentement fl-interess tar-rikorrent li f'kull kaz ma talabx li l-esponent tigi akkollata b'xi kwota tal-ispejjez gudizzjarji.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Awwissu, 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Mejju 2007;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.